



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11725/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0226(COD)

AGRI 395
AGRILEG 135
ENV 835
CODEC 1348

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Regolament dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u u l-ikel u l-għalf tagħhom - <i>Preżentazzjoni mill-Kummissjoni</i> - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness nota ta' informazzjoni tal-Presidenza għall-iskambju ta' fehmiet dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill ("Agrikoltura u Sajd") tal-25 ta' Lulju 2023.

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjanti miksuba minn
ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE)
2017/625**

Nota ta' informazzjoni mill-Presidenza

Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal Regolament dwar tekniki ġenomiċi ġodda (NGT)¹, bħala parti mill-"Pakkett dwar l-ikel u l-bijodiversità". Il-proposta għandha l-għan li tippermetti lis-settur agroalimentari tal-UE jikkontribwixxi għall-oġettivi tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, għall-istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt u l-istrateġija għall-Bijodiversità, u li ssaħħa il-kompetittività tas-settur, filwaqt li żżomm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent.

Mill-adozzjoni tal-leġislazzjoni attwali tal-UE dwar l-organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM) fl-2001, kien hemm progress sostanzjali fl-iżvilupp tal-NGTs li jippermettu bidliet aktar immirati, preċiżi u rapidi fil-karatteristiċi ġenetiċi tal-pjanti, meta mqabbla ma' tekniki ta' tnissil konvenzjonali. Barra minn hekk, ċerti tekniki ma jintroduċux "DNA donatur", jiġifieri DNA minn speċijiet li l-pjanta ma tistax tiġi inkroċjata magħhom, u l-prodotti li jirriżultaw ma jistgħux jiġu differenzjati minn daww miksuba b'metodi konvenzjonali.

Fl-2018, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ddeċidiet li tekniki ġodda ta' mutaġenesi, li kienu dehru jew li fil-biċċa l-kbira kienu ġew żviluppati minn meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE², jaqgħu taħt il-leġislazzjoni dwar l-OĠM u huma soġġetti għall-obbligi stabbiliti fiha.

¹ 11592/23 + ADD 1

² Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE

Sabiex jiġu ċċarati kwistjonijiet prattiċi li jirriżultaw mid-deċiżjoni tal-Qorti, fl-2019 il-Kunsill adotta Deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 241 TFUE³, li titlob lill-Kummissjoni tippreżenta studju dwar l-istatus tal-NGTs skont il-liġi tal-UE, u propożta, jekk xieraq fid-dawl tal-istudju.

Il-Kummissjoni ppreżentat dak l-istudju lill-Kunsill fl-2021⁴. Fis-27 ta' Mejju 2021, il-ministri għall-agrikoltura kellhom skambju ta' fehmiet dwar il-konklużjonijiet tal-istudju u qablu b'mod ġenerali dwar il-ħtieġa li tiġi mmodernizzata l-leġiżlazzjoni attwali għall-NGT⁵.

Wara konsultazzjoni estensiva mal-partijiet ikkonċernati u mal-pubbliku, u bl-appoġġ tal-ħidma xjentifika ta' Ċentru Konġunt tar-Riċerka tagħha u tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Kummissjoni issa ppreżentat ukoll il-propożta msemmija hawn fuq għal Regolament dwar l-NGT.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-propożta ma jinkludix l-NGTs kollha, iżda biss il-mutaġenesi mmirati u ċ-ċisġenesi. Barra minn hekk, il-pjanti miksuba minn kwalunkwe NGT li jintroduċi materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jiġu inkroċjati ("DNA donatur") huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-propożta u jibqgħu rregolati kompletament mil-leġiżlazzjoni dwar l-OĠM.

³ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1904 tat-8 ta' Novembru 2019 li titlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta studju fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-528/16 rigward l-istatus ta' tekniki ġenomiċi ġodda skont il-liġi tal-Unjoni, u propożta, jekk ikun xieraq fid-dawl tar-riżultati tal-istudju

⁴ 8285/21

⁵ 9022/21

Il-proposta tirregola żewġ kategoriji differenti ta' pjanti NGT:

- Pjanti NGT li l-modifika tagħhom tista' sseħħ ukoll b'mod naturali jew tinkiseb permezz ta' trissil konvenzjonali ("pjanti NGT tal-kategorija 1"). Huma soġġetti għal proċedura ta' verifika qabel ir-rilaxx intenzjonat u t-tqegħid fis-suq. Il-pjanti u l-prodotti NGT tal-Kategorija 1 huma eżentati mir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni dwar l-OĠM. Huma rregolati skont il-leġiżlazzjoni settorjali applikabbli u l-oqfsa orizzontali biex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent. Barra minn hekk, biex jittejbu t-trasparenza u l-libertà tal-għażla, dawn ser jiġu elenkati f'bażi ta' data pubblika. Il-materjal riproduttiv tal-pjanti ser jiġi ttikkettat b'ħala NGT tal-kategorija 1 u dan l-istatus ser jissemma fil-katalgi komuni tal-varjetajiet tal-pjanti.
- Pjanti NGT għajr pjanti NGT tal-kategorija 1 ("pjanti NGT tal-kategorija 2"), b'modifiki aktar kumplessi, bil-kundizzjoni li ma jkunx fihom "DNA donatur". Din il-kategorija taqa' taħt il-leġiżlazzjoni attwali dwar l-OĠM b'adattamenti limitati għal metodi ta' detezzjoni, metodoloġiji ta' valutazzjoni tar-riskju u rekwiżiti ta' monitoraġġ. Filwaqt li l-pjanti NGT tal-kategorija 2 għandhom jiġu ttikkettati b'ħala OĠM, it-tikketti tagħhom jistgħu jinkludu informazzjoni dwar il-karatteristika li tirriżulta mill-modifika tal-NGT biex tiżdied it-trasparenza u l-informazzjoni għall-konsumatur. Barra minn hekk, il-pjanti NGT tal-kategorija 2 li fihom karatteristiċi bil-potenzjal li jikkontribwixxu għal sistema agroalimentari sostenibbli jistgħu jibbenefikaw minn ċerti inċentivi. Ġew previsti wkoll inċentivi addizzjonali meta n-notifikatur jew l-applikant ikun SME. Pjanti NGT li għandhom karatteristiċi tolleranti għall-erbiċidi mhumieħ eliġibbli għal dawn l-inċentivi. L-Istati Membri ma jistgħux jagħżlu li ma jipparteċipawx fil-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 fit-territorju tagħhom, b'kuntrast mal-leġiżlazzjoni dwar l-OĠM.

Kemm il-pjanti NGT tal-kategorija 1 kif ukoll dawg tal-kategorija 2 u l-prodotti tagħhom huma pprojbiti fil-produzzjoni organika.

Il-Presidenza tqis li jkun utli li titnieda diskussjoni fil-Kunsill qabel ma jinbeda l-eżami tekniku, biex issir enfasi fuq il-partijiet ewlenin tal-proposta. F'dan ir-rigward, il-Presidenza tressaq il-mistoqsijiet li ġejja għad-diskussjoni:

Mistoqsijiet għad-diskussjoni:

Kif tivvalutaw il-proposta fil-kuntest tal-iżgurar ta' sistema agroalimentari sostenibbli u reżiljenti? Liema aspetti tal-proposta tqis li huma l-aktar importanti?
